

# UFFIĊJAL TAL-KONTABILITÀ AVVIŻ TA' POST BATTAL

Aġenti temporanji - grupp ta' funzionijiet AD, grad 7

## Lest għall-isfida kbira li jmiss tiegħek?

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) qed tfitteż Ufficijal tal-Kontabilità biex iżomm il-kontijiet tal-operazzjonijiet kollha tagħha.

Is-servizzi tal-Ufficijal tal-Kontabilità se jiġu kondiviżi mal-aġenzija assoċjata tal-ETF, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħha fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA).

Ibbażat(a) f'Turin, l-Italja u tivvjaġġa ta' spiss lejn Bilbao, Spanja, xogħloq se jinkludi l-ftuħ u l-għeluq tal-kontijiet, il-ħolqien tar-rapporti finanzjarji taż-żewġ aġenzi, u l-immaniġġjar tat-teżor tal-ETF.

Jekk int appassjonat(a) dwar il-kontabilità, se jkollok l-opportunità li tagħmel differenza f'ambjent professjonali dinamiku

## X'inhi I-ETF?

**L-ETF** hija aġenzija tal-UE bbażata f'Turin, l-Italja. Din tgħin lill-pajjiżi fi tranżizzjoni u lil dawk li qed jiżviluppaw jisfruttaw il-potenzjal tal-kapital uman tagħhom permezz tar-riforma tas-sistemi tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tas-suq tax-xogħol, fil-kuntest tal-politiki tar-relazzjonijiet esterni tal-UE.

Aħna nappoġġaw pajjiżi li jinsabu fil-fruntiera mal-UE biex itejbu s-sistemi vokazzjonali u tat-taħriġ tagħhom, janalizzaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet, u jiżviluppaw is-swieq tax-xogħol tagħhom. B'dan il-mod, aħna ngħinuhom itejbu l-koeżjoni soċjali u jiksbu aktar tkabbir ekonomiku sostenibbli, li konsegwentement ikun ta' beneficiċju għall-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom billi jittejbu r-relazzjonijiet ekonomiċi.

## Ftit kliem dwar I-EU-OSHA

**L-EU-OSHA** hija aġenzija tal-UE bbażata f'Bilbao, Spanja. L-għan tal-aġenzija huwa li tippromwovi postijiet tax-xogħol sikuri, ħiesla mill-periklu u proddutti billi tiprovvdi lill-istituzzjoni jippej idher. I-EU-OSHA Membri u lil dawk involuti fis-sigurtà u s-saħħha fuq il-post tax-xogħol b'iġixx informazzjoni teknika, xjentifika u ekonomika.

## X'qegħdin noffru?

**Tip ta' kuntratt:** Aġġent temporanju — Grupp ta' Funzjoni AD, grad 7.

**Tul tal-kuntratt:** 4 snin, jiġedded, soġġett għal perjodu ta' prova

**Salarju tipiku għal:** għal impjegat waħdu, b'sitt snin ta' esperjenza professjonal i-rilevanti; madwar EUR 4,580 nett / xahar; jew għal impjegat, b'sitt snin ta' esperjenza professjonal i-rilevanti, beneficiċċu tal-espatrijazzjoni u wild dipendenti wieħed: madwar EUR 6,500 nett / xahar.

## X'se tagħmel u kif se taħdem?

Bħala **I-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-ETF**, se taħdem fid-Dipartiment tal-Istrateġija u r-Riżorsi.

Bħala **I-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-EU-OSHA**, se taħdem fiċ-Ċentru tar-Riżorsi u s-Servizzi.

Se tinħatar mill-Bord ta' Tmexxija tal-ETF u mill-Bord Maniġerjali tal-EU-OSHA. Inti tkun totalment indipendenti fil-qadi tad-dmirijiet tiegħek ta' Uffiċjal tal-Kontabilità u tkun responsabbi għall-Bordijiet rispettivi.

Inti se taħdem mill-qrib mal-assistent tal-uffiċċjal tal-kontabilità u l-membri tat-timijiet tal-finanzi. Inti se tiżviluppa relazzjonijiet produttivi u ta' kooperazzjoni madwar l-aġenċiji. Inti organizzat(a) ħafna u ġaddiem b'moħħok miftuħ f'tim, entużjast u proaktiv. Se tuża kemm ħiliet ta' komunikazzjoni orali kif ukoll bil-miktub.

Inti se tkun responsabbi:

- għall-implementazzjoni tal-pagamenti, il-ġbir tad-dħul u l-irkupru tal-ammonti
- għaż-żamma, it-tħejjija, l-iffirmar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet f'konformità mar-regoli kontabilistiċi
- għar-rikonċiljazzjoni tar-rekords tal-immaniġġjar ta' assi mar-rekords finanzjarji
- għall-ftuħ u l-għeluq tal-kontijiet fi tmiem is-sena
- għall-implementazzjoni tar-regoli tal-kontabilità u t-tabella tal-kontijiet
- għall-validazzjoni tas-sistemi biex jiproprovdu jew jiġiustifikaw informazzjoni tal-kontabilità
- għall-immaniġġjar tat-teżor
- għat-tweġib ta' mistoqsijiet interni u esterni relatati mal-kontabilità
- għall-għoti ta' pariri u għat-tixrid tal-aħjar prattiki dwar il-kontabilità
- għaż-żamma ta' rekord tal-awditjar dettaljat u komplet għall-operazzjonijiet tal-kontabilità kollha
- għaż-żamma u għat-titħib tal-proċeduri u l-proċessi tal-kontabilità
- għall-kontribut fid-definizzjoni tal-proċessi ta' ġestjoni finanzjarja
- għall-parċeċċipazzjoni attiva fin-network tal-kontabilità tal-Aġenċiji tal-UE
- għall-parċeċċipazzjoni attiva fl-awditi

Inti se tkun ibbażat/a f'Turin, I-Italja.

Se tivvjaġġa madwar 4 darbiet fis-sena lejn Bilbao, Spanja. Tista' tivvjaġġa wkoll għadd ta' drabi fis-sena lejn l-Istati Membri tal-UE.

## Kriterji ta' Eliġibbiltà

Sabiex titqies bħala eliġibbli, inti trid tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin fid-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet:

- 1 Tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea
- 2 Tgawdi minn drittijiet sħaħi bħala ċittadin
- 3 Tkun issodisfajt kwalunkwe obbligu impost mil-liġi rigward is-servizz militari

- 4 Tkun fiżikament b'saħħtek biex twettaq id-dmirijiet marbuta ma' din il-kariga
- 5 Ikollok livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas erba' snin iċċertifikati b'diploma, segwiti b'mill-anqas sitt snin ta' esperjenza professjonalij jew  
Ikollok livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma, segwiti b'mill-anqas seba' snin ta' esperjenza professjonalij  
Jistgħu jiġu kkunsidrati biss diplomi li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu s-suġġett ta' ġerti-fenja ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.
- 6 Ikollok għarfien tajjeb (livell C1 fid-dimensjonijiet kollha skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi jew CEFRL) ta' waħda mil-lingwi tal-Unjoni u jkollok għarfien sodisfaċenti (livell B2 fid-dimensjonijiet kollha skont is-CEFRL), ta' lingwa oħra tal-Unjoni, sal-punt meħtieġ għat-twettiq tal-kompli.

## Kriterji tal-Għażla

Il-kandidati għandu jkollhom:

### Sfond edukattiv

- ġerti-fenja ta' kontabilista kwalifikat jew lawrja universitarja fil-/bil-kontabbiltà bħala qasam princiċiali

### Esperjenza professjonalji

- minimu ta' 'erba' snin - matul l-aħħar 10 snin - ta' esperjenza professjonalji fil-qasam tal-iżvilupp strateġiku - skont it-taqsimha: X'se tagħmel u kif se taħdem?

### Ħiliet analitiċi tajbin ħafna

- kontabilità
- Ingliż: livell C1 fid-dimensjonijiet kollha skont il-QKERL

### Ħiliet personali tajbin ħafna

- fl-adattabbiltà
- analiżi u akkuratezza
- fit-trawwim ta' relazzjonijiet kollaborattivi
- fil-komunikazzjoni bil-fomm u bil-miktub
- onestà u integrità
- awtoorganizzazzjoni u li jintlaħqu skadenzi stretti
- ħidma taħt pressjoni għal partijiet interessati differenti

### Assi

- għarfien tar-Regolamenti Finanzjarji tal-UE
- għarfien tar-regoli kontabilistiċi tal-UE

- esperienza bis-SAP
- It-Taljan u/jew I-Ispanjol: livell B2 fid-dimensjonijiet kollha skont is-CEFRL

## Sottomissjoni ta' applikazzjonijiet

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija **t-22 ta' Settembru 2021 fil-23.59 (Ħin ta' Turin).**

Inti mistieden tibgħat l-applikazzjoni tiegħek permezz tas-sit web tal-ETF, taħt it-taqsimiet “dwar” u mbagħad “reklutaġġ”.

Nirrakkomandaw bil-qawwa li ma tistenniex sal-aħħar ġurnata biex tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, għaliex traffiku kbir tal-internet jew xi difett fil-konnessjoni tal-internet jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. L-ETF ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe dewmien fl-applikazzjoni tiegħek minħabba diffikultajiet bħal dawn.

## Rekwiżiti formali

Inti trid tipprovdi d-dokumenti kollha msemmija hawn taħt, sad-data tal-għeluq, preferibbilment bl-Ingliż:

- ittra ta' introduzzjoni ta' mhux aktar minn paġna waħda, li tispjega għaliex inti interessat fil-pożizzjoni
- curriculum vitae permezz tal-format tas-CV tal-Europass  
**Jekk jogħġibk innota li l-applikazzjonijiet li jiġu ppreżentati online permezz tas-sit web tal-ETF biss, f'konformità mar-rekwiżiti formali msemmija hawn fuq, se jiġu aċċettati għall-fażi tal-għażla.**

## Għażla

Il-proċess tal-għażla jinkludi tliet fażiċċi konsekuttivi:

### Fażi 1 – Eżami tal-applikazzjonijiet

#### 1.1 Eliġibbiltà

It-tim tar-Reklutaġġ se jirrieżamina l-applikazzjonijiet kollha. L-applikazzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u r-rekwiżiti formali kollha biss jgħaddu għall-fażi li jmiss.

#### 1.2 Għażla għall-intervisti u t-testijiet bil-miktub

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta fil-curriculum vitae, il-bord se jivvaluta l-applikazzjonijiet skont l-esperjenza professjonalni, il-ħiliet tekniċi meħtieġa u l-assi. Il-kandidati li jippreżentaw l-aktar applikazzjonijiet xierqa se jiġu mistiedna jattendu għal intervista u għal testijiet bil-miktub. Huwa mistenni li se jiġu mistiedna madwar 6 kandidati.

L-ETF qed tistenna numru kbir ta' applikazzjonijiet. B'konsegwenza ta' dan, il-kandidati li jintgħażlu fil-lista qasira biss se jiġu kkuntattjati mit-tim tar-reklutaġġ. Dan huwa mistenni li jseħħi sal-aħħar ta' **Settembru 2021**.

## Fażi 2 – Intervisti u testijiet bil-miktub

Il-bord se jivvaluta l-esperjenza professjonalni tal-kandidati u l-ħiliet meħtieġa għall-kariga u għal Aġenti Temporanji tal-UE permezz ta' intervista u testijiet bil-miktub. Mill-inqas parti waħda tat-testijiet se tiġi evalwata b'mod anonimu. L-intervista u t-testijiet bil-miktub se jsiru primarjament bl-Ingliż.

Dan huwa mistenni li jseħħi f'[Ottubru 2021](#).

Mat-tmiem ta' din il-fażi, il-bord tal-għażla se jressaq lill-Bord ta' Tmexxija tal-ETF lista ta' kandidati meqjusa l-aktar konformi mal-kriterji tal-għażla - wara li jkunu laħqu mill-inqas:

- 70 % tal-punti allokat għall-ħiliet personali, u
- 70 % tal-punti allokat għall-ħiliet tekniċi u l-esperjenza professjonalni rilevanti

Din il-fażi hija mistennija li sseħħi f'[Novembru 2021](#).

## Fażi 3 – Ħatra

Meta titqies il-proposta magħħmula mill-bord tal-għażla, il-Bord ta' Tmexxija tal-ETF se jaħtar l-aktar kandidat/a xieraq/xierqa bħala I-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-ETF. Huwa mistenni li l-kandidat(a) magħżul(a) jibda/tibda jaqdi/taqdi d-dmirijiet tiegħu/tagħha [fl-1 ta' Marzu 2022](#).

Il-Bord ta' Tmexxija tal-ETF jista' jiddeċiedi wkoll li jistabbilixxi lista ta' kandidati oħra potenzjalment xierqa. Din il-lista se tkun valida sal-31 ta' Diċembru 2022. Il-validità tagħha tista' tiġi estiża b'deċiżjoni tad-Direttur tal-ETF. L-inklużjoni fil-lista ma tiggarantixx offerta ta' impieg.

Meta pożizzjoni ssir vakanti jew jeħtieġ li tiġi koperta, il-Bord ta' Tmexxija tal-ETF jista' jaħtar kandidat(a) fil-lista li l-profil tiegħu/tagħha jaqbel l-aħjar mal-ħtiġijiet tal-ETF f'dak iż-żmien. Wara l-konklużjoni ta' ftehim dwar il-livell ta' servizz bejn l-ETF u l-OSHA, il-kandidat(a), li jinħatar/tinħatar mill-Bord ta' Tmexxija tal-ETF, se jiġi/tiġi rrappreżentat(a) lill-Bord ta' Tmexxija tal-OSHA għall-ħatra possibbli tiegħu/tagħha bħala Uffiċjal tal-Kontabilità tal-OSHA.

Huwa mistenni li l-kandidat(a) magħżul(a) jassumi/tassumi d-dmirijiet tiegħu/tagħha fl-OSHA fl-1 ta' Ġunju 2022.

## Ix-xogħol tal-bord

Ix-xogħol u d-deliberazzjonijiet tal-bord huma kufidenzjali b'mod strett u kwalunkwe kuntatt mal-membri tiegħu muhiwiex permess. F'każ li dawn jiġu kkuntattjati, dan jista' jikkostitwixxi raġunijiet għal skwalifika mill-proċedura.

## Kundizzjonijiet kuntrattwali

### Kuntratt ta' impieg

Il-kuntratt tal-impieg jiġi konkuż mal-ETF. Huwa għal perjodu fiss ta' erba' snin u jista' jiġġedded. Huwa soġġett għal perjodu ta' prova ta' disa' xħur.

Il-kuntratti ta' Aġent Temporanju huma skont l-Artikolu 2(f) tal-Kondizzjonijiet tal-Implieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra (CEOS) tal-Unjoni Ewropea. B'dan it-tip ta' kuntratt, l-impiegat ikun marbut bis-CEOS kif ukoll bir-Regoli ta' Implantazzjoni rilevanti.

L-ETF se tkun marbuta bil-kuntratt ta' impieg li jiġi offrut biss jekk il-kandidat magħżul, qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, ikun:

- ippovda kopji oriġinali jew iċċertifikati tad-dokumenti rilevanti kollha li jagħtu prova tal-eliġibbiltà tiegħi, inkluż rapport nadif tal-pulizija;
- għamel eżami mediku obbligatorju li jistabbilixxi li huwa jissodisfa l-istandard ta' saħħa fiżika neċċessarja biex jaqdi d-dmirijiet involuti;
- informa lill-ETF bi kwalunkwe kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali u jkun tqies li ma għandu l-ebda interess personali b'tali mod li jdghajnejf l-indipendenza tiegħi jew kwalunkwe kunflitt ta' interess ieħor.

## Salarju u beneficiċċi

Skont is-sitwazzjoni personali tagħhom, il-membri tal-personal jistgħu jkunu intitolati għal diversi beneficiċċi bħall-beneficiċċu tal-espatrizzjoni, il-beneficiċċu tal-unità domestika, il-beneficiċċu ta' wild dipendenti, il-beneficiċċu tal-edukazzjoni, eċċ. Is-salarju huwa soġġett għal taxxa Komunitarja mnaqqsa f'rás il-għajnej u l-membri tal-personal huma eżentati mit-tassazzjoni nazzjonali.

## Informazzjoni addizzjonalni

Id-dokumenti pprovduti matul il-proċedura tar-reklutaġġ mhux se jiġu ritornati lill-kandidati, iżda se jinżammu fil-fajl għand I-ETF sakemm ikun meħtieġ u mbagħad jiġu meqruda.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni se tapplika għad-data personali kollha miġbura għal din il-proċedura.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fl-Istqarrija ta' Privatezza fuq is-sit web tal-ETF.

Il-kandidati li jħossu li l-interessi tagħihom ikunu ġew ippreġudikati bi kwalunkwe deċiżjoni relatata mal-proċedura jistgħu jressqu lment billi jsegwu l-istruzzjonijiet disponibbli fuq is-sit web tal-ETF.

*NOTI: F'każ li jkun hemm diskrepanzi bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi, għandha tipprevali dik bil-lingwa Ingliża.*